MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 971/1997/1

**Rosaria sive Lucy Darmanin, Helen Gauci, Maria Assunta Cini, Theresa Saliba, Maria Stella Azzopardi f'isimha proprju u f'isem u in rapprezentanza ta' l-assenti Carmelo Sammut u Alfons Sammut, Maria Dolores Zammit, Catherine Sammut bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri Bradley Sammut.**

**vs**

**Georgia Cassar u Carmelo Bezzina u b'digriet tal-21 ta' Marzu 2006 il-Qorti ordnat it-trasfuzzjoni ta' l-atti minn Carmelo Bezzina, li miet fil-mori tal-kawza, fl-ismijiet ta' Teresa Seychell, John Bezzina, Joseph Bezzina u Nicolina Bezzina.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 30 ta’ April 1997 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn gie premess:-

Illi l-atturi huma l-proprjetarji f’sehem indiviz ta’ l-ghalqa maghrufa “Tal-Wied”, f’ Hal Saflieni, Luqa;

Illi l-konvenuti qeghdin jokkupaw u jaghmlu uzu mill-proprjeta` ta’ l-atturi minghajr ebda dritt jew titolu validu fil-ligi;

Illi l-konvenuti debitament interpellati sabiex jirrilaxxaw l-istess baqghu inadempjenti;

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ ghandhiex:-

1. Prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenuti qeghdin jokkupaw l-ghalqa denominata “Tal-Wied”, f’ Hal Saflieni, Luqa minghajr l-ebda dritt jew titolu validu fil-ligi, tordna lil l-istess konvenuti jkunu zgumbrati mill-art imsemmija u dan fi zmien qasir u perentorju hekk stabbiliti minn din il-Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta’ l-atturi a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh minn din il-Qorti kif illum presjeduta ghas-seduta tad-29 ta’ April 1998.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Georgia Cassar u Carmelo Bezzina datata 23 ta’ April 1998 a fol. 9 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi fl-ewwel lok u *in linea* prelimenari, il-konvenut Anthony Bezzina huwa mejjet u ma jirrizultax li saret korrezzjoni awtorizzata biex ismu jitnehha mill-atti.

2. Illi subordinatament l-atturi jridu jippruvaw it-titolu u l-interess guridiku taghhom biex jistghu jittentaw din il-kawza.

3. Illi l-konvenuti ilhom fil-pussess u l-okkupazzjoni tar-raba' in kwistjoni ghal cirka tlieta u erbghin sena u dan b'mod ininterrott, pacifiku, univoku u kontinwu u ghalhekk iddekorriet il-preskrizzjoni estintiva kontra l-atturi u favur il-konvenuti.

4. Illi anki kieku l-atturi jippruvaw li huma jippossjedu xi kwota ndiviza tar-raba' in kwistjoni, l-azzjoni lilhom spettanti fil-konfront ta' ko-proprjetarji ohra mhux dik ezercitata b'din l-azzjoni, imma wahda ghall-godiment tal-beni komuni.

5. Fl-ahharnett l-azzjoni simili ma tistax tigi ezercitata minn atturi li ghandhom biss sehem indiviz minn proprjeta`, imma hu mehtieg li jagixxxu s-sidien kollha.

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti Georgina Cassar u Carmelo Bezzina fol. 9 u 10 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta tad-29 ta' April 1998 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri ta' l-atturi u Dr. Veronica Debono ghall-konvenuti prezenti fl-Awla. Dr. John Vassallo talab li jigi kkancellat il-kliem "Anthony Bezzina" fic-citazzjoni u dikjarazzjoni attrici. Il-konvenuti ma opponewx. Il-Qorti laqghet it-talba kif mitluba u ordnat li jigu kancellati l-kliem "Anthony Bezzina" minn fuq l-atti kollha tal-kawza. Il-konvenuti taw ruhom b'notifikati bic-citazzjoni kif korretta. *In vista* tat-tieni eccezzjoni tal-konvenuti l-Qorti ordnat lill-atturi biex fi zmien xahar jipprezentaw, bil-*visto* tal-kontro-parti, nota tad-dokumenti relattivi rigwardanti l-prova tat-titolu. Il-kawza giet differita ghat-2 ta' Dicembru 1998 ghall-kontinwazzjoni tal-provi attrici dwar il-provi tat-titolu quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Frank G. Camilleri.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri datati 2 ta’ Dicembru 1998, 15 ta’ Marzu 1999, 3 ta’ Novembru 1999, 13 ta’ Marzu 2000 u 2 ta’ Gunju 2000.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta datati 7 ta’ Novembru 2000, 28 ta’ Frar 2001 fejn xehdu Vincent Ciliberti, u Giorgia Cassar in kontro-ezami; 21 ta’ Mejju 2001; 4 ta’ Lulju 2001; 26 ta’ Novembru 2001; 23 ta’ Jannar 2001 fejn xehdu Carmelo Bezzina u Vincent Ciliberti u l-avviz datat 15 ta’ Marzu 2002.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna datati 15 ta’ Marzu 2002 u 18 ta’ Gunju 2002.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri datati 11 ta’ Dicembru 2002, 22 ta’ Jannar 2003, 4 ta’ April 2003, 23 ta’ Mejju 2003 fejn xehdu Andrew Bezzina u Rita u Mary Camilleri; 2 ta’ Lulju 2003 fejn xehdet Rosaria Darmanin; 21 ta’ Novembru 2003 fejn regghet xehdet Rosaria Darmanin u Helen Gauci; 13 ta’ Frar 2004; 6 ta’ April 2004 fejn il-partijiet inghataw zmien sabiex jaghmlu nota ta’ osservazzjonijet; 15 ta’ Gunju 2004; 26 ta’ Ottubru 2004; 3 ta’ Dicembru 2004; 11 ta’ Frar 2005; 12 ta’ April 2005; 21 ta’ Gunju 2005 fejn Dr. Aaron Bugeja assuma l-patroncinju tal-konvenut; 11 ta’ Novembru 2005 fejn Rosaria Darmanin halfet l-affidavit a fol. 256 tal-process u d-dokumenti esebiti bhala Dok. “XX1” sa Dok. “XX7” (fol. 257 sa fol. 269).

Rat in-nota attrici datata 12 ta’ April 1999 (fol. 15) fejn ipprezentaw id-dokumenti “A” sa “G” minn fol. 15 sa fol. 39 tal-process u dik datata 20 ta’ Gunju 2001 fejn gew pprezentati d-dokumenti Dok. “AA 1” sa Dok. “AA 4” (fol. 92 sa fol. 95); u dik datata 30 ta’ Awissu 2002 fejn gie pprezentat id-Dok. “AA5” konsistenti fl-alberu genealogiku ta’ Maria Spiteri (fol. 135/136) u dik datata 7 ta’ April 2005

fejn gew esebiti id-dokumenti “RD 1” sa Dok. “RD 6” (fol. 217 sa 248)

Rat in-nota tal-konvenuti datata 29 ta’ Frar 2000 fejn gew pprezentati l-affidavits tal-konvenuti (fol. 44 sa fol. 46).

Rat in-nota attrici fejn gew ipprezentati l-affidavits ta’ Rosaria Darmanin u Helen Gauci (fol. 57 sa 64).

Rat in-nota ta’ l-osservazzjonijiet attrici datata 9 ta’ Gunju 2004 (fol. 203) u dik tal-konvenuti datata 14 ta’ Ottubru 2004 (fol. 211).

Rat in-nota ta’ l-avukat Dr. Veronica Galea Debono datata 21 ta’ Jannar 2005 (fol. 252) li biha rrinunzjat ghall-patrocinju tal-konvenuti.

Rat il-verbali ta’ din il-Qorti kif presjeduta datati 10 ta’ Jannar 2006, 26 ta’ Jannar 2006, 21 ta’ Marzu 2006 fejn giet nominata l-Assistenta Gudizzjarja Dr. Josette Demicoli sabiex tisma’ l-provi kollha konvenuti; 12 ta’ Ottubru 2006; 23 ta’ Jannar 2007; 18 ta’ April 2007 u 20 ta’ Gunju 2007 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta’ Novembru 2007.

Rat is-seduta tat-13 ta’ Lulju 2006 quddiem l-Assistenta Gudizzjarja fejn Dr. Aaron Bugeja indika li aktarx li kien ser jirrinunzja ghall-patroncinju tal-konvenuti (fol. 286) u fil-fatt dan sehh b’nota tas-27 ta’ Lulju 2006 (fol. 288).

Rat ir-rikors ta’ Teresa Seychell datat 16 ta’ Marzu 2006 a fol. 272 tal-process fejn l-esponenti talbet lill-Qorti tordna li l-atti kollha f’dal-kaz, kemm dawk gia` ezistenti, kif ukoll dawk prezenti, u dawk sussegwenti jigu lkoll trasfuzi fil-persuni ta’ l-esponenti kollha ndikati u cioe` fil-persuna ta’ Teresa Seychell (ID 610854M), John Bezzina (ID 428056M) u Joseph Bezzina (ID 162362M) u Nicolina Bezzina (ID 804132M) ghal kull interess li jista’ jkollha, u dan taht kull ordni u provediment li l-istess Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa li timponi skond ic-cirkostanzi ta’ dal-kaz; u l-Qorti kif presjeduta laqghet it-talba, bid-digriet taghha

moghti fis-16 ta' Marzu 2006, u ordnat l-aggustament fl-okkju kif jidher a fol. 276 tal-process.

Rat ir-rikors ta' l-attur datata 20 ta' Marzu 2006 a fol. 280 tal-process fejn l-esponenti talbu lill-Onorabbli Qorti sabiex tahtar kuraturi biex jirrapprezentaw l-eredita` ta' Carmelo Bezzina; u l-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef wara li rat ir-rikors, id-digrieti precedenti, il-bandi mahruga u r-riferta tal-Marixxall; u billi ma deher hadd biex jaccetta l-kurazija l-Qorti nnominat lill-avukat Dr. Tonio Azzopardi u lill-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi. Il-Qorti kif illum attwalment presjeduta regghet rat ir-rikors tal-20 ta' Marzu 2006 u l-atti kollha sussegwenti. Irrilevat pero` li diga` saret it-trasfuzzjoni ta' l-atti b'digriet tal-21 ta' Marzu 2006 konsegwenti ghar-rikors ta' Teresa Seychell datata 16 ta' Marzu 2006 u ghalhekk din il-Qorti kif presjeduta astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-premess.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli fejn effettivament ma nsteghmet l-ebda xhieda f'seduti datati 13 ta' Lulju 2006, 27 ta' Ottubru 2006 u 6 ta' Dicembru 2006 u fl-ahhar seduta Dr. Reno Borg ghall-konvenuti ddikjara li ma ghandux izjed provi.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-atturi datata 21 ta' Frar 2007 (fol. 294) u dik tal-konvenuti datata 15 ta' Mejju 2007 (fol. 299).

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza fejn l-atturi qed jallegaw li l-konvenuti ma ghandhom ebda titolu fuq l-art mertu tal-kawza odjerna attwalment okkupata minnhom.

Illi kwantu ghat-tieni eccezzjoni moghtija mill-konvenuti li l-atturi jridu jippruvaw it-titolu taghhom ghandu jinghad li f'azzjoni *rei vendicatoria* l-attur irid jipprova li 'l hinn minn kull dubju li huwa proprjetarju ta' l-istess art minnu ndikata u sakemm dan issir il-konvenut ma jista' jaghmel xejn.

Illi fil-fatt din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza **"Vincent Ciliberti nomine vs Marianna Spiteri et"** (P.A. (RCP) – 27 ta' Frar 2003) fejn saret riferenza ghal dak li jinghad minn ***Andrea Torrente*** fil-ktieb **'Trattato Di Diritto Civile'** jinghad li:-

*"La revendicazione (art.948 cod.civ.) e' la principale delle azioni petitorie ed e' concessa a favore di colui che si affarma proprietario di un bene, ma non avendo il possesso, ne pretende la consegna da colui che lo possiede o detiene".*

*"L'attore, in conformita' delle regole generali, ha l'onero di dimostrare il suo diritto; percio`, se l'acquisto non e' a titolo originario, ha l'onero di dare la prova del suo titolo di acquisto dei precedenti titolari fino ad arrivare ad un acquisto a titolo originario. A voler andare all'infinito, la prova sarebbe, se non addirittura impossibile, estremamente difficile (gli antichi parlavano di 'probatio diabolica)".*

*"La posizione del convenuto riguardo alla prova e' molto piu' comoda di quella dell'attore ("commodum possessionis"): egli puo' limitarsi a dire 'possideo quia possidea' ed attendere che l'attore provi il suo diritto".*

Illi din il-posizzjoni giet ikkonfermata fil-gurisprudenza nostrali fejn fis-sentenza **"Alosia Fenech u ohrajn vs. Francesco Debono u iehor"** (P.A. (W.H.) 14 ta' Mejju 1935 – XXIX.ii.488) inghad li:-

*"Kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Abela vs Gauci" maqtugha fl-1 ta' Dicembru 1877 (VIII.367) il-konvenut, indipendentement min-natura tal-pussess tieghu, ghandu dritt jirrikjedi, l-ewwel nett il-prova tal-proprjeta` mill-parti tar-rivendikant. Jghid a propositu Laurent (Vo.VI.160): 'e dunque il suo diritto di proprieta' che il rivendicante deve provare. Finche' non fornisce questa prova, il convenuto non ha nulla a provare: egli puo' sebare il silenzio, e vincere' la lite per cio' solo che il rivendicante non avra' provato di essere proprietario. Cio' e' universalmente ammesso dalla dottrina e dalla gurisprudenza".*

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **"Perit Carmelo Falzon vs Alfred Curmi"** (P.A. (JSP) 5 ta' Ottubru 1995, - LXXIX.iii.1257) fejn gie affermat li:-

*"L-azzjoni tentata mill-attur hi dik rivendikatorja. L-eccezzjoni decennali moghtija mill-konvenut tittanta toqtol dik l-azzjoni indipendentement mill-validita' tat-titolu li jippretendi li ghandu l-attur u dan qabel ma ssir investigazzjoni fil-fond ta' tali titolu. Japplikaw dawn il-konsiderazzjonijiet ta' ligi:*

*"Min jitlob ir-revendikazzjoni ta' immobbli ghandu d-dover li qabel xejn hu jipprova l-proprjeta` tieghu. L-imharrek f'din l-azzjoni ma ghandux ghalfejn jiftah halqu sakemm issir il-prova u jekk dik il-prova ma ssirx, l-imharrek ghandu jirbah il-kawza".*

*"Jekk lill-Qorti jidher li hemm l-inqas dubju dwar il-proprjeta` tar-rivendikant, hija ghandha ssostni lill-pussessur".* (*vide* **"Giuseppe Buhagiar vs Guzeppi Borg et"** (A.C. – 17 ta' Novembru 1958).

Illi l-istess gie kkonfermat fis-sentenza **"Clive Simpson *nomine vs* Dr. Gaudenz Borg"** (A.C. (GMB) 6 ta' Lulju 1993 – LXXXVII.ii.310) fejn inghad li:-

*"Fl-azzjoni rivendikatorja, l-attur ghandu jipprova d-dominju tieghu fuq il-haga rivendikata u mhux bizzejjed li jipprova li l-istess haga mhux tal-konvenut ghaliex il-ligi tirrikjedi li jipprova b'mod inekwivoku li l-istess hija tieghu*

*innifsu. Ghandu ghalhekk l-oneru tal-prova u l-prova li hi rikjesta minnu trid tkun kompleta u konkluzziva".* (**"Av.Dr. Rene' Frendo Randon noe vs Francis Camilleri *et nomine*"** - A.C. (H.H.) 2 ta' Dicembru 1987. LXXI.ii.531; **"Alfred Copperstone vs Francesco Grech et"** – P.A. (J.C.C.) 14 ta' Dicembru 1951 ).

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **"Cassar vs Trevisan"** (A.C. 4 ta' Dicembru 1879) fejn jinghad li:-

*"L'attrice, appogiando la sua odierna azione al diritto di proprieta'. Era nell'obbligo, gusta la nottissima regola che l'attore deve provare I fatti necessari per stabilire la sua domanda, di dimostrare che la detta persona n'era veramente proprietaria".*

Illi l-estremi tal-azzjoni rivendikatorja **"Wisq Reverendu Kan. Giuseppe Cassar nomine vs Emmanuele Barbara et"** (A.C. – 7 ta' Ottubru 198) huma ghalhekk:-

(1) li l-attur rivendikant jipprova li ghandu d-dominju fuq il-haga li huwa jrid jirrivendika u li akkwista dak id-dominju legittimament; u

(2) li l-konvenut ikun qed jippossjedi dik il-haga.

Illi dwar l-ewwel rekwizit, il-prova trid tkun pjena u konvincenti; u din il-prova ma tigix raggunta jekk ir-rivendikant juri titolu car u preciz tad-dominju tieghu. Jekk ir-rivendikant ma jaghmilx din il-prova, l-konvenut ma ghandu bzonn li jipprova xejn ghax sakemm ir-rivendikant ma jaghmilx dik il-prova, l-possessur tal-haga m'ghandux bzonn jiccaqlaq u kwindi huwa tenut li jsostni l-eccezzjonijiet tieghu li jkun ta kontra d-domanda tar-rivendikant (**"Antione Salamone et vs John Azzopardi et"** (P.A. (GV) 26 ta' April 2002).

Illi konsistenti ma dan ***Walter Bigiavi*** jghid fil-ktieb **'Gurisprudenza Sistematica Civile e Commerciale'** (pg. 865) li:-

*"La prova della proprieta' si e' detto, dev'essere completa perche' l attore rivendicando, pone in essere il suo diritto di proprieta' e quindi il giudice, ha il dovere di pretendere la prova piena, non essendo sufficiente che l'attore dimostri di avere un titolu piu' forte di quello del convenuto"* (*vide* XXIX.ii.488 ; XXXV.ii.518 ; **"Abela vs Gauci"** – Vol. VIII.367).

Illi ghalhekk kif intqal fis-sentenza **'Anthony Mercieca vs Victor Buhagiar'** (P.A. (RCP) 23 ta' Ottubru 2001) li *'abbazi ta' din il-gurisprudenza konsistenti u konstanti jirrizulta li ghal fini ta' din il-kawza l-attur jrid u ghandu l-oneru tal-prova kollha fuqu, li biha jrid jikkonvinci li ghandu dritt ta' proprjeta` fuq il-bicca art mertu tal-kawza odjerna, u dan stante li l-konvenut qed jistrieh ukoll fuq il-pussess li huwa ghandu 'animo domini'.* **("Sac. Don Giovanni Agius nomine vs Paolo Genovese et"** - A.C. 21 ta' Jannar 1946) ; (**"Paul Camilleri et vs Joseph Camilleri"** (P.A. (RCP) 4 ta' Ottubru 2001) ; **"Giuseppi Vella vs Peter Sciberras"** (P.A. (RCP) 28 ta' Novembru 2002).

Illi fil-fatt fis-sentenza **"Albert Mizzi nomine vs Rita Azzopardi"** (A.C. (JSP. CAA. N.A) 27 ta' Marzu 1996 – LXXX.ii.605) inghad ukoll li:-

*"L-azzjoni esperita mill-attur nomine hi azzjoni 'rei vendicatoria', li hi azzjoni reali li ghandha bhala oggett taghha r-rikonoxximent tad-dritt tal-proprjeta` ta' l-attur u bhala konsegwenza r-restituzzjoni tal-haga reklamata. Huwa ghalhekk li din l-azzjoni jehtieg li tigi istitwita kontra dak li attwalment ikun jipposjedi l-haga".* (*vide* **"Paul Agius et vs Michael Scicluna"** - P.A. l-1 ta' Ottubru 1996).

Illi izda jigi nnutat li l-istess konvenuti mhux biss qaghdu fuq din l-eccezzjoni izda sostnew skond it-tielet eccezzjoni taghhom li huma ilhom fil-pussess u okkupazzjoni ta' l-istess raba' ghal cirka tletin u erbghin sena u dan b'mod interott, pacifiku, univoku u kontinwu b'dan li ddekorriet il-preskrizzjoni estintiva kontra l-atturi u favur il-konvenuti, b'hekk li l-istess konvenuti qed jecceppixxu li huma

ghandhom titolu fuq l-istess proprjeta' bil-preskrizzjoni ta' tletin sena.

Illi f'dan il-kuntest jista' jinghad li jissussistu l-elementi indikati mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Grezzju Spiteri vs. Catherine Baldacchino"** (A.C. (JSP) (CAA) (JDC) – 9 ta' Frar 2001) fejn inghad li:-

*"Huwa principju fundamentali tad-dritt gudizzarju illi meta l-konvenut ma jirrispengiex il-pretensjonijiet ta' l-attur, sempliciment permezz tal-pussess li huwa ghandu animo dominii, imma jgib il-quddiem titolu li bih ried u jrid jipprova d-dritt tieghu ghall-haga li ghandu f'idejh, huwa mehtieg li jigi ezaminat dak it-titolu akkampat mill-konvenut. U allura l-prova ta' dak it-titolu taqa' fuq il-konvenut li jallegah" (Volume XXX.ii.765). ………(Jekk il-konvenut ma jasalx biex jipprova t-titolu tieghu, allura ma jistax izjed jinheba wara l-pussess u jghid "possideo quia possideo" ghaliex huwa nizel fil-kamp u fil-lotta gudizzjarja taht titolu ta' proprjeta' li jippretendi u jekk dak it-titolu jaqa', huwa ma jibqaghlu xejn precizament ghaliex dak il-pussess li huwa qed jippretendi li ghandu huwa kollu bazat fuq dak it-titolu tal-proprjeta' li huwa akkampa. Hu ghalhekk li f'dan il-kaz kif tajjeb issottmetta l-appellant "melius est non habere titolum quam habere vitoiosum"……"*

Illi dan gie llum ikkonfermat diversi drabi fil-Qrati nostrali tant li fil-kawza **"L-Onorevoli Perit Carmelo Vella et vs Anthony Cassar"** (P.A. (TM) – 17 ta' Marzu 2005) inghad li:-

*'Il-principju li min ghandu t-titolu ahjar jirbah il-kawza, minghajr il-htiega li dak li jkun jipprova t-titolu assolut, illum jinsab assodat fid-duttrina. Gia fis-seklu dsatax Francis E. Levy fil-ktieb "Preure par title du Droite de Propriete' Immobiliere" kien wasal ghall-konkluzjoni li l-proprjeta' huwa wara kollox dritt relattiv, u l-gudizzju ghandu jkun bazat fuq min, f'kawza bejn il-partijiet ikun ressaq l-ahjar prova. Awturi ohra jiddiskrivu l-azzjoni rei vendicatoria bhala 'una contraverseria tra privati'. (Tabet e Ottolenghi, La Proprieta'). Il-Pacifici Mazzoni jghid ukoll "sembra quindi che per equita' non possa pretendersi*

*dall'attore, se non la prova di un diritto migliore o piu` fondato di quello del reo convenuto'. Illi din it-teorija tal-prova migliore ghandha l-bazi taghha fid-dritt ruman, u kienet tissejjah l-actio pubblicana. Li din l-azzjoni ghadha tezisti fid-Dritt Malti jirrizulta mill-gurisprudenza, fosthom* <u>*Attard v. Fenech*</u> *deciza fit-28 ta' April 1875 (Kollez Vol. XII. 390) fejn intqal li: "Con l'azione rei vendicatoria, l'attore deve provare di averne dominio della cosa che voule rivendicare e di averla legittimamente acquistata; con l'azione publicana deve provare di averne avuto il possesso e di possederla il convenuto con un diritto minore e piu` debole del suo.........Kwindi, l-attur mhux tenut jipprova titolu originali, izda bizzejjed jipprova titolu ahjar minn dak tal-konvenut"*. (**Vella vs Camilleri"** – A.C. 12 ta' Dicembru 2002); **Direttur tal-Artijiet vs Polidano Brothers Limited"** (P.A. – 7 ta' Lulju 2004; **"Il-Kummissarju ta' l-Artijiet vs Frans Mallia"** (P.A. (JRM) – 20 ta' Jannar 2005); **"John Vella vs Sherlock Camilleri"** (A.C. – 12 ta' Dicembru 2002); u **"Benmar Company Limited vs Charlton Saliba"** (P.A. – 9 ta' Ottubru 2003).

Illi ghal dak li huwa t-titolu ta' l-atturi jirrizulta mill-provi prodotti li effettivament porzjonijiet diversi ta' l-art mertu tal-kawza odjerna kienu ta' Maria Spiteri u gew akkwistati minnha kemm permezz ta' att ta' divizjoni ppublikat minn Nutar Giovanni Calleja fl-24 ta' Awissu 1873 (deskritta fl-ewwel porzjoni) (Dok. "RD4"), permezz ta' kuntratt ta' akkwist ta' Giuseppe Spiteri (r-ragel ta' Maria Spiteri) datat 1 ta' Frar 1877 ippubblikat min-Nutar Raimondo Psaila (Dok. "RD 5") u wkoll permezz ta' kopja ta' nota ta' l-Insinwa (Dok. "RD 6") fejn hija kienet akkwistat permezz ta' procedura in subasta porzjoni ohra ta' l-istess art, (kif ukoll indikati fin-nota attrici datata 7 ta' April 2005) wara digriet tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell datat 12 ta' Novembru 1919.

Illi l-istess prozjonijiet ta' art kienu ghaddew kemm ghand ulied istess Maria Spiteri, u kif ukoll ghand it-tfal ta' bintha Rosaria Diacono fosthom Benjamina Sammut, tant li l-istess kienu nominati bhala eredi ta' l-istess Maria Spiteri permezz ta' testment datat 26 ta' Marzu 1922 fl-atti tan-

Nutar Francesco Giorgio Schembri fi kwota ta’ terz parti (Dok. “B” – fol. 20) u fil-fatt l-istess Maria Spiteri mietet fit-30 ta’ Marzu 1922 u kopja tad-denunzja taghha hija esebita bhala Dok. “A” (fol. 16).

Illi mhux biss izda b’kuntratt datat 17 ta’ Frar 1960 l-istess Benjamina Sammut akkwistat il-kwoti u d-drittijiet ereditarji ta’ Carmela Diacono bhala eredi ta’ huha Andrea Diacono (Dok. “C” – fol. 28) u allura s-sehem tieghu mill-istess art u gie wkoll ippruvat li l-istess atturi huma wlied l-imsemmija Benjamina Sammut (ara xhieda bl-affidavit ta’ l-attrici anness man-nota attrici datata 11 ta’ Novembru 2005 u d-dokumenti hemm annessi Dok. “XX1” sa Dok. “XX7”) u fil-fatt bhala tali kienu fdew il-piz li kien impost fuq l-istess art skond kif jidher mid-Dok. “D” u “E” u Dok. “AA1” sa “AA4” u mix-xhieda datata 28 ta’ Frar 2001 u 23 ta’ Jannar 2002 ta’ Vincent Ciliberti bhala rappresentant tal-Kurja u dak iz-zmien ekonomu ta’ Monsinjur Arcisqof u wkoll id-Dok. “VC1”, “VC2” u “VC3” u Dok. “VG 1” sa Dok. VG 5”. Dan huwa wkoll ikkonfermat mill-arblu tar-razza esebit bhala Dok. “AA5” a fol. 137 tal-process.

Illi jidher ukoll li l-atturi kienu jokkupaw l-istess art tant li f’dan is-sens hemm ix-xhieda ta’ Rosaria Darmanin u Helen Gauci li jiftakru li kienu jmorru fl-istess art u fid-dawl ta’ dan kollu din il-Qorti thoss li l-atturi ppruvaw it-titolu taghhom fil-grad rikjest mill-ligi tant li huma ppruvaw li huma ko-proprjetarji ta’ l-istess art hawn indikata, u li parti minnha hija attwalment okkupata mill-konvenuti.

Illi dawn bl-ebda mod ma jista’ jinghad li jirrizulta li jigu minn din Maria Spiteri u ghalhekk it-titolu taghhom certament ma huwiex derivanti mill-istess, tant li jirrizulta li huma ulied Gianni Bezzina, ( li kien jigi hu r-ragel ta’ wahda mit-tfal ta’ Maria Spiteri) u ghalhekk jidher li l-istess konvenuti qed jippretendu li ghandhom titolu fuq l-istess art permezz tal-preskrizzjoni trigenerarja.

Illi dwar l-istess difiza din il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad fis-sentenza **“Salvino Testaferata Moroni Viani vs Francis Montanaro”** (P.A. (PS) – 27 ta’ Gunju 2003) fis-sens li:-

*"Hemm distinzjoni elementari bejn il-preskrizzjoni estintiva u l-preskrizzjoni akkwizitiva tal-proprjeta'. Filwaqt li fl-ewwel kaz min jaghti l-eccezzjoni jehtieglu jipprova l-perkors taz-zmien statutorju skond liema terminu preskrittiv ikun applikabbli, jkun mbaghad jispetta lill-attur kreditur li jiddefendi lilu nnifsu billi jaghzel it-triq u l-mezz li taghtih il-ligi biex jinnewtralizza tali eccezzjoni, fit-tieni kaz tal-preskrizzjoni akkwizittiva jispetta lill-konvenut debitur mhux biss li jipprova l-perkors taz-zmien stabbilit mill-ligi, imma wkoll l-elementi kollha li l-ligi tezigi li jigu ppruvati biex l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni akkwizittiva tinghata b'success".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Apap Bologna Sciberras D'Amico Inguanez vs Sammut Emanuel"** (P.A. (PS) – 28 ta' Marzu 2003) inghad li l-pussess ta' tletin sena jrid ikun legittimu, jigiefieri kontinwu u mhux interott, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku, u b'hekk irid ikun hemm pussess materjali fis-sens li jkun hemm il-poter ta' fatt fuq il-haga u dak intenzjonali, cjoe' l-animu tal-possessur li jgawdi d-dritt fuq il-haga bhallikieku hu kien il-proprejatarju taghha - *"animus et corpus; corpis possessionis, et animus possidendi vel dominus domini"* b'dan li mhux bizzejjed li jkollok id-detenzjoni tal-haga jew it-tgwadija taghha mhux bhala haga proprja, imma bhala haga ta' haddiehor, ghaliex allura din tkun biss detenzjoni jew tgawdija prekarja.

Illi mill-provi prodotti ghalkemm l-istess konvenuti jecceppixxu l-preskrizzjoni ta' tletin sena l-provi taghhom dwar l-istess huma kontradittorji u dan peress li jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta allegat li l-istess art kienet ghaddiet ghand missierha fin-1969, u gimgha wara miet u beda jidhol fl-istess art zewgha Ganni Cassar u huha l-konvenut Carmelo Bezzina, izda hija effettivament qatt ma kienet marret hemm u ghalhekk l-element ta' pussess fil-kaz taghha huwa nieqes; jekk hija qed toqghod fuq il-pussess ta' zewgha, jirrizulta li fil-konfront tieghu kien hemm interuzzjoni tal-preskrizzjoni permezz ta' l-ittra ufficjali datata 12 ta' Ottubru 1986 (fol.36).

Illi ma hemm ebda dubju li dan l-istat ta’ fatt irendi kull pussess hekk vantat bhala wiehed kontestat u allura certament mhux pacifiku b’dan li jista’ jinghad li gie ppruvat li l-istess konvenuti certament ma gawdewx l-istess pussess trankwillament ghaliex il-vantazzjoni fuq l-istess art *da parte* ta’ l-atturi saru kemm verbalment skond ix-xhieda attrici ta’ Rosaria Darmanin (fol. 58) u dan ghal diversi snin, kemm qabel u wara l-mewt ta’ Benjamina Sammut u wkoll permezz tal-pretensjonijiet gudizzjarji u fil-fatt konsegwenti ghall-istess kienu saru anke laqghat il-Qorti fejn attendew ghall-istess laqghat kemm ir-ragel tal-konvenuta u kif ukoll l-konvenut l-iehor. Prova ta’ dan hija wkoll ittra datata 11 ta’ Ottubru 1983 miktuba ghan-nom tar-ragel tal-konvenuta (fol. 61) fejn John Cassar irrisponda ghall-ittra dwar l-istess ghalqa miktuba ghan-nom ta’ l-istess Benjamina Sammut.

Illi f’dan is-sens il-konvenuta tammetti li kienet konxja ta’ l-istess u b’hekk tikkontradixxi dak li hija sostniet fl-affidavit taghha

Illi mhux hekk biss izda ma jirrizultax li setgha kienu qed jokkupaw l-istess art bhala proprjetarji u dan peress li b’risposta ghall-istess ittra ufficjali John Cassar, zewg il-konvenuta kiteb ittra legali datata 16 ta’ Ottubru 1986 fejn irrikonoxxa ukoll li hemm sidien ohra (fol. 39). Din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti ma huwiex lanqas verosimili li l-konvenuta ma kenitx taf li kien hemm kontestazzjonijiet fuq l-istess art ma’ zewgha, tant li fl-istess ittra tas-16 ta’ Ottubru 1986 hija tissemma wkoll flimkien mal-konvenut l-iehor tant li jinghad *verbatim* li *“martu u huha ghandhom sehem”.*

Illi mhux biss izda jista’ jinghad li mill-provi prodotti ma giex ippruvat li fil-fatt dan John Cassar kien qed jippossiedi din l-art bhala tieghu u dan il-konvenuta tafu sew tant li tali art lanqas kienet inkluza fid-denunzja tieghu u dan jirrizulta mix-xhieda ta’ bint l-attrici Rita Camilleri datata 23 ta’ Mejju 2003 u dan in-nuqqas ta’ prova dwar il-legittimita’ tat-titolu tippregudika t-titolu allegat mill-istess konvenuta (*vide* **“Salvino Testaferrata Moroni Viani vs Francis Montanaro”** gja fuq citata.

Illi ghalhekk din il-Qorti hija sodisfatta li mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenuta kienet taf bil-vantazzjonijiet attrici u tant li ddikjarat li taf li kienu ntbaghatu ittri bl-avukati sabiex tohrog minn hemm, u dan ghalhekk jikkontradixxi dak li hija sostniet fl-affidavit taghha li kien biss permezz ta’ din il-kawza li saret taf li kien hemm vantazzjonijiet *da parte* ta’ terzi.

Illi kwantu ghall-konvenut l-iehor Carmelo Bezzina ma jista’ lanqas jinghad li huwa kien qed jippossiedi l-istess art bl-intenzjoni li jsir is-sid, u dan ghaliex huwa kien minghalih li l-art kienet ta’ zijuh Albert Bezzina li skond ix-xhieda tieghu tat-23 ta’ Jannar 2003 jghid li lanqas jaf taht liema titolu kien jippossiedi l-istess art, jekk hux bi proprjeta’ jew qbiela. Mhux biss izda Andrew Bezzina (23 ta’ Mejju 2003) jixhed l-istess.

Illi intant f’parti ohra tax-xhieda tal-konvenut tat-23 ta’ Jannar 2002 jghid li z-ziju kien ta l-istess ghalqa lill-missieru, izda mhux wirt izda jidher biss bil-kliem. Izda wara fl-istess xhieda jghid li Toninu bin l-istess Albert Mizzi kien qallu li kien ser itieh din r-raba’ u hawn irrefera ghad-Dok. “CB1” u “CB2” tas-snin 1968 u 1957 u b’hekk abbazi ta’ l-istess, l-istess xhud ma jistax jghid li kien qed jippossiedi l-istess art bhala tieghu u dan ghaliex l-istess ittri jindikaw li dan Bezzina kien jghid li kien ser itiegh l-istess art.

Illi ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li huwa haseb li din l-art kienet ta’ kuginuh li kien ser jaghtiha lilu bi qbiela, izda wara u cjoe’ biss waqt il-kawza jghid li sar jaf li din kienet ta’ kuginuh bhala proprjetarju (fol. 117/119) u dan ifisser li *in verita’* l-istess konvenut qatt ma kien qed jokkupa din l-art bhala proprjetarju taghha u b’hekk l-istess konvenut qatt ma kellu l-animu tal-possessur li jgawdi dritt fuq il-haga bhallikieku hu kien il-proprjetarju taghha (**“Victor Chetcuti et vs Michael Xerri”** (A.C. 31 ta’ Mejju 1996) u l-pussess tieghu ma jistax jinghad li kien legittimu fis-sens ta’ tgawdija ta’ jedd li wiehed izomm jew jezercita bhala tieghu nnifsu, jigiefieri esklussiv u assolut u mhux bizzejjed li jkun hemm ezercizzju bil-bona grazzja jew

tollerenza (**"Grazia Borg vs Rosa Farrugia noe"** (A.C. 15 ta' Marzu 1993 – Vol. XLVI.i.68; **"Grixti vs Ellul"** – 15 ta' Dicembru 1939 –Vol. XXX.i.457); **"Mamo vs Vella"** (P.A. l-1 ta' Frar 1951 – Vol. XXXI.ii.341; **"Caruana et vs Vella"** (13 ta' Marzu 1953 – Vol. XXXVII.i.105; **"Briffa vs Sammut"** (P.A. 21 ta' Mejju 1953 u A.C. 29 ta' Jannar 1954). B'hekk jista' jinghad li la darba l-istess konvenut kien minghalih li l-art li kien qed jokkupa kienet bi qbiela, hu ma setgha qatt jippreskrivi favur tieghu nnfisu, u dan anke a bazi ta' l-**artikolu 2118 tal-Kap 16.**

Illi ghall-kompletezza jinghad li l-ewwel eccezzjoni giet sorvolata wkoll b'digriet tad-29 ta' Mejju 1998.

Illi dwar ir-raba' eccezzjoni din hija kompletament bla bazi peress li l-konvenuti ma humiex ko-proprjetarji ta' l-istess ghalqa.

Illi dwar il-hames eccezzjoni ma hemm l-ebda dubju li fil-gurisprudenza nostrali din l-azzjoni tista' tigi ezercitata minn uhud mill-ko-proprjetarji u mhux necessarjament mill-ko-proprjetarji kollha (ara **"Maria Carmela Schembri et vs Amabile Vassallo"** (P.A. (JCC) – 17 ta' Gunju 1963).

Illi ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha u l-eccezzjonijiet tal-konnvenuti michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-konvenuti qeghdin jokkupaw l-ghalqa denominata "Tal-Wied", f' Hal Saflieni, Luqa minghajr l-ebda dritt jew titolu validu fil-ligi, u tordna lill-istess konvenuti jkunu zgumbrati mill-art imsemmija u dan fi zmien qasir u perentorju ta' tletin gurnata mid-data ta' din id-decizjoni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------